KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 68

It-tmienja u sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 27 ta' April 2017 fis-6.11 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*68.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*68.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*68.5 Rapporti ;*
*68.6 Approvazzjoni ta' l-aġġustamenti mill-Awdituri tal-Gvern Lokali ;*
*68.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*68.9 Mozzjonijiet ; u*
*68.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

68.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

68.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittra t'Apoloġija mill-Kunsilliera L. Cassar Shaw. Il-Kunsill aċċeta.

**68.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

68.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 66 tas-seduta 22 ta' Marzu, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

68.2.2 Is-Sindku irrefera għall-punt 66.3.13 u talab korrezzjoni biex il-kelma 'proposta' tinqara 'talba' minnflok. Kien hemm qbil.

68.2.3 Intalbet li ssir korrezzjoni f'punt 66.4.8 biex l-aħħar sentenza tinqara 'Kien hemm qbil li ssir ukoll bħal tal-iskola'.

68.2.4 Il-Kunsillier M. Briguglio propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 66_22/03/2017*

68.2.5 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 67_17 t'April 2017. Il-Kunsillier M. Briguglio propona l-approvazjzoni tal-minuti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 67_17/04/2017*

**68.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

68.3.1 Is-Sindku irrefera għal punt 66.3.1 dwar it-tħawwil ta' siġar fi Triq Dingli. Is-Sindku informa li l-Kunsill applika ghall-permess DNO mal-PA, wara li l-pjanti ġew approvati mill-kumitat tal-Kunsill. *Siġar – Triq Dingli*

68.3.2 Dwar punt 66.3.2 dwar it-tender tad-dawl tat-toroq flimkien ma' *Tender tad-dawl*

Kunsilli oħra, il-ftehim ta' bejn il-Kunsilli irid jiġi approvat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

68.3.3 Dwar il-kiri ta' garaxx il-Kunsill ġie infurmat li l-kuntratt ġie iffirmat. *Kiri ta' garaxx*

68.3.4 Is-Sindku informa li r-rampa ta' quddiem il-kazin ta' San Girgor, issa ġiet approvata mis-CRPD (*Commission for the Rights of Persons with Disabilty*). *Rampa ta' San Girgor*

68.3.5 Dwar punt 66.3.6 dwar il-vandalizmu li sar fil-Gnien Indipendenza tal-*bollards* tad-dawl li għadhom kif twaħħlu, is-Segretarju Ezekuttiv qal li t-tkissir li hemm mhux kollu vandalizmu għaliex hemm minnhom li huma ħsarat u difetti mill-prodott innifsu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ingineer se jinzel jara u jiddentifika t-tip ta' ħsara fuq il-post u jagħmel rapport lill-Kunsill. *Vandalizmu*

68.3.6 Dwar punt 66.3.7 dwar l-uzu tar-roti fuq il-*promenade*, il-Viċi Sindku qal li għalkemm twaħħlu t-tabelli li mhux permess li jinstaqu fuq il-*promenade* xorta għad hemm min isuq fuq il-*promenade*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-LESA dwar dan kollhu u biex jagħmlu aktar infurzar. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa f'hiex waslet l-approvazzjoni tal-fondi mil-iskema Fondi Kapitali 2016 sabiex isiru studji u riċerki biex tiġi indirizzata l-problema ta' mobilita fit-toroq u jitnaqqas it-traffiku billi jkun hemm infrastruttura għaċ-ċiklisti b'mod sikur. Is-Segretarju qal li se jkun qiegħed jiltaqa mad-Direttur tal-Gvern lokali fuq tlett punti u din se tkun waħda minnhom. Kien hemm qbil li jekk din tiġi approvata l-Kunsill jibda bil-proċess għall-*call for applications* ghal dawn l-istudji. *Bicycle stands*

68.3.7 Is-Sindku propona li t-toroq kollha, (eskluz dawk mal-kosta) f'Tas-Sliema jkunu b' limitu ta' velocita ta' 30km għall-vetturi biex ikun hemm aktar sigurta għall-pubbliku anke minħabba l-fatt li t-toroq huma dojoq ħafna. Kien hemm qbil dwar dan u l-Kunsill għandu jghamel tali proposta lil Transport Malta. *Speed limit f'toroq interjuri*

*Il-Kunsillier J. Pillow daħal għas-seduta fis-18.34*

68.3.8 Dwar punt 66.3.10 dwar is-servizz tat-trasport għad-*Day Centre*, is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan ma setghax jibda għaliex il-vettura ma kinitx *low floor* u mhux addatata għall-anzjani. Il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment tal-Anzjani se jkun qiegħed johrog sejha ohra ghall-offerti ghal dan is-servizz u avvicina lill-Kunsill sabiex johrog parti mill-ispejjes. Kien hemm qbil li jkun hemm *Servizz tat-Trasport għad-Day Centre*

kuntrattur wieħed u s-servizz se jingħata darbtejn f'ġimgħa. Il-*budget* tal-Kunsill jinzamm l-istess, dak ta' darba fil-gimgha kif kien mahsub qabel bl-istess valur.

68.3.9 Dwar punt 66.3.11 dwar *resurfacing* taz-*zebra crossings*, is-Sindku informa li se jsiru u qegħdin nistennew l-approvazjoni tal-permessi ta' TM. Zebra crossings

*Il-Kunsillier P. Radmilli daħal għas-seduta fis-18.40*

68.3.10 Dwar it-tender għall-proġett tal-*car park* is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill qiegħed jistenna mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar jekk il-perit specjalizzat jistghax jitqabbad bhala *sub-contractor* tal-Perit tal-Kunsill. *Tender tal-carpark*

***Is-Sindku talab għal sospensjoni fis-18.42 tal-agenda u jiġu diskussi items 68.6 u 68.7. Kien hemm qbil dwar dan. L-accountant tal-Kunsill ta' spjegazzjoni dwar l-aġġustamenti li talbu l-awdituri.***

**68.6 APPROVAZZJONI TA' L-AĠĠUSTAMENTI MILL-AWDITURI TAL-GVERN LOKALI;**

68.6.1 Saret diskussjoni dwar il-*budget* li huwa allokat għat-*tipping fees* u li l-ammont ma jkoprix l-ispejjez għas-sena kollha. Id-differenza hija ta' Ewro 8900 li l-Kunsill ma jistax iħallas għal dan għaliex ikun qiegħed jaqbez l-allokazzjoni tat-*tipping fees*. Il-Kunsill approva l-aġġustament kif intalab mill-awdituri li huwa l-uniku impatt li se jħalli fl-estimi finanzjarji. L-*accountant* spjega xi aġġustamenti oħra minuri. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-aġġustamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsill.

**68.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI;**

68.7.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kumitat tal-Finanzi ltaqa t-Tlieta u reġa ra l-*budget* li kien ġie approvat fil-bidu tas-sena. Il-kumitat ħass il-ħtieġa li jagħmel xi modifikazzjonijiet fih wara l-ewwel kwart tas-sena, anke minħabba l-fatt li issa ġie deċiz li SAF 2017 mhux se jsir u b'hekk il-fondi jistgħu jiġu utilizzati għall-affarijiet oħra li diga gew approvati mill-Kunsill. Ġiet diskussa l-ispiza tal-manutenzjoni tal-latrini ta' Ferro Bay u ta' fejn l-għassa. Li l-*bulky refuse service* se jinzamm prezz wieħed għal erbgha snin. Is-Segretarju *Finance committee*

Ezekuttiv spjega dwar il-kanal li jrid jimtela bil-gebel isir bejn it-Torri u Diplomat.

68.7.2 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi mil-MEPA ta' CPPS u UIF għall-manutenzjoni tat-toroq. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk il-Kunsill jistghax jiffoka li jsir manutenzjoni fuq bankini wkoll. Fid-draft *budget* kien hemm diga l-ammont ta' Ewro 100,000 allokat. Apparti dawn, il-Kunsill qabel li toroq godda jibdew isiru mill-fond tal-MEPA, peress illi l-permessi neċessarji għall-proġett tal-parkeġġ ser idumu. *Manutenzjoni ta' toroq u bankini*

68.7.3 Il-Kunsill tkellem ukoll dwar l-*embellishment* fi Triq Dingli li parti minnu se jkun kopert minn s*ponsorships* pero s-siġar għadhom mhux koperti. Hemm il-ħsieb li navviċinaw lir-residenti għal min ikun interessat li jagħti *sponsorship* għal siġra, izda l-Kunsill kommess li jhallas ghas-sigar huwa stess filkaz. *Embellishment – Triq Dingli*

68.7.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-modifikazzjonijiet tal-*budge*t 2017 kif ġie rivedut. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera prezenti. Din ir-revizjoni għanda tintbgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. *Approvazzjoni tal - budget rivedut*

***Is-Seduta kompliet fis-19.12 bl-item 68.3 li kien qiegħed jiddiskuti qabel ma ġiet sospiza.***

## 68.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

68.3.11 Dwar it-tender tal-*canopies* għal Gnien Indipendenza ġie deċiz li l-kumitat ikun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier J. Pillow. *Tender tal-canopies*

68.3.12 Dwar punt 66.4.3 dwar l-ittra li inkittbet lill-Onor. Schembri is-Segretarju Ezekuttiv għandu jerġa jibgħat *reminder* għaliex il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta. *Ittra lill-Onor Schembri*

68.3.13 Fir-rigward ta' punt 66.4.11 il-Kunsill ġie infurmat li d-data tal-għeluq għal *call for quotations* għax-xiri ta' bins kienet illum. *Bins*

68.3.14 Il-Kunsilliera V. Galea Pace u M. Aquilina ġibdu l-attenzjoni li f' Tas-Sliema m'hemmx *soft areas* bi fjuri kkuluriti bħal postijiet oħra. Ġie spjegat li fit-tender li kien inħareġ, hemm li għandhom jitpoġġew pjanti li jservu għal tul is-sena kollha u mhux fjuri tal- *Manutenzjoni soft areas*

istaġun biss. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li għal darb'oħra t-*tender* jiġi mqassam fi tlett kategoriji, bħal tisqija għalih, manutuenzjoni u tħawwil ta' fjuri.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fis-19.24pm*

68.3.15 Is-Sindku informa li jista jiltaqa ma' membri fir-rigward tat-talba għal bust ta' Tony Nichol, fejn jagħmlu prezentazzjoni ta' *crowdfunding* bil-ħsieb li tiffinanzja l-proġett tagħhom. *Tony Nichol*

68.3.16 Is-Sindku informa li l-Kunsill reġa għandu stedina minn Bialystok għal zjara bejn 23 u 25 ta' Gunju 2017. Kien hemm qbil li tintbgħat *email* bid-dati lill-Kunsilliera kollha peress li f'dan il-mument mhux il-Kunsilliera kollha huma prezenti. Il-Kunsill eventwalment jinforma lil Bialystok b'min se jattendi. *Bialystok*

68.3.17 Is-Sindku informa li kellu talba minn Exiles Waterpolo Club biex parti mill-blat jiġi irranġat b'xi tapit mill-fondi tal-Kunsill għaliex qegħda tizloq. Il-Kunsill qal li jekk ikun hemm bzonn li jsir għandu jsir *site visit* u jsir bil-mod kif irid il-Kunsill u mhux biex jintuza mill-klabb stess. Madankollu is-Segretarju Ezekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jgħarraf il-prijoritajiet minħabba l-*budget*. *Exiles Waterpolo Club*

68.3.18 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva talba mill-organizzaturi ta' *Italian Wine Festival* biex din id-darba l-attivita ssir fi Gnien Indipendenza f'Lulju 2017, għaliex Qui si Sana fejn saret l-attivita s-sena l-oħra ma kienx post addattat. Kien hemm qbil li ssir Gnien Indipendenza izda f'Awissu, 2017 biex jekk is-sena d-dieħla ssir l-attivita tal-Kunsill SAF tibqa f'Lulju, 2017. *Italian Wine Festival*

68.3.19 Is-Sindku informa b'talba oħra minn Revulu Latino għall-attivita *Latin American* biex issir fi Gnien Indipendenza. Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita izda l-post għandu jkun Għar id-Dud (in-naħa tal-Fortizza) biex ma jsir kollox fi Gnien Indipendenza. *Attivita - Latin American*

68.3.20 Il-Kunsillier M. Briguglio talab li l-Kunsill għandu jistaqsi lil PA dwar jekk l-għerien ta' Għar id-Dud għadhomx sikuri wara l-izvilupp tal-proġett TownSquare. Kien hemm qbil dwar dan. *Għerien ta' Ghar id-Dud*

***Is-seduta ġiet posposta għal darb'oħra fis-19.50 għal item 68.8***

## 68.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

68.8.1 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar biex il-kontijiet tal-ARMS jiġu speċifikati l-postijiet mhux il-funtani jiġu indikati bin-numri.

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.03*

68.8.2 Kien hemm qbil li l-pagament numru 66 pagabbli lil Med Developers jinzamm *on hold* sakemm jiġi ċċekkjat minn meta twaqqfet *lease of street light system.*

68.8.3 Dwar il-pagament lil Magnetic, il-Kunsillier J. Pillow qal li l-*switch* tad-dawl irid ikun kopert b'*cover* u jkun magħluq b'ċavetta għall-aktar sigurta.

*Il-Kunsillier J. Pillow ġie skuzat mis-seduta fit-20.13 u daħal lura fit-20.16*

68.8.4 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris proponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

***Is-seduta kompliet bl-agenda fit-20.18 b'item 68.4***

## 68.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA

68.4.1 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Enemalta se jkunu qegħdin jibbenifikaw minn skema għal tibdil ta' fanali. Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill għandu jipprepera rapport b'ritratti fejn nuru l-istat tal-arbli f'Tas-Sliema li hemm tul il-*promenade* u fit-triq u nibgħatuh l-Enemalta biex jikkonsidraw it-talba tagħna. *Talba għal manutenzjoni tal-arbli tad-dawl*

*Daħal il-Kunsillier D. Muscat fit-20.20*

68.4.2 Dwar it-tender tal-planner il-Kunsillier P. Radmilli qal li daħħlu erba' offerti li tnejn minnhom huma *above budget* u tnejn minnhom ikkwotaw is-somma ta' xahar, u wara *clarification*, dawn qed jigu skwalifikati. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa joħroġ tender din id-darba għal sentejn. *Tender tal-planner*

68.4.3 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar li *deadline* għal min se jikteb fil magazin tal-Kunsill hija 15 ta' Mejju 2017.

68.4.4 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris saqsiet dwar il-proġett suġġerit minn SOS Malta. Is-Sindku spjega kif se jkun hemm *scooters* li se jibdew jintuzaw minn Gunju 2017 bl-iskop li jiffaċiltaw nies li għal xi raġuni jew oħra ma jistgħux isuqu biex joħorġu u jkunu aktar indipendenti. Dawn se jkunu qegħdin jgħaqqdu tim ta' voluntiera. *SOS project*

68.4.5 Il-Kunsillier P. Portelli informa li hemm organizzazzjoni volontarja li jixtiequ jnaddfu area minn Tas-Sliema u jneħħu flixken etc. Il-Kunsillier P. Portelli qal li se jressaq il-pjan tagħhom la darba jibgħatuh. Kien hemm qbil li dan l-avveniment isir b'kollaborazzjoni mil-Kunsill, fejn il-Kunsill ikun jista jipprovdi bħal ingwanti, skips etc., *Xogħol ta tindif b'mod volontarju*

**68.5 RAPPORTI**

68.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**68.9 MOZZJONIJIET**

68.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**68.10 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

68.10.1 Is-seduta intemmet fit-20.39. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Tnejn 29 ta' Mejju 2017 fis-6pm.

Minuti approvati llum 29/05/2017

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |